**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 14 ta' Frar 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 513/2023 JPG**
**Kawza nru.: 18**

**WH**
**U**
**DS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet WH u ta' DS datat 27 ta' Settembru 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fl-ghoxrin ta' Jannar tas-sena elf disgha mija disgha u disghin (20.1.1999). (Dok A – certifikat taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieġ il-partijiet kellhom zewgt ulied M li ghandu X u B li ghandu Y.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Reuben Debono tal-25 ta' Jannar 2010 (Ara Dok B anness.).*

*Illi meta l-partijiet isseparaw l-mara irrivertiet ghal konjomha ta' xebba cioe 'S'.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra kull parti fformat rabta ma' persuna ohra.*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin (para 4 tal-istess kuntratt).*

*Illi arretrati ta' manteniment rigwardanti l-istess tfal tal-partijiet ma hemmx.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taz-zwieg li gie ċċelebrat fl-ghoxrin ta' Jannar tas-sena 1999 (20.1.1999) bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imħolli għall daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**BH xehed** (vide xhieda a fol 19) illi l-partijiet izzewgu nhar l-20 ta' Jannar 1999, u minn dan iz-zwieg huwa kellhom zewgt itfal, illum maggiorenni. Sostna illi huma sseparaw legalment

permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat nhar il-25 ta' Jannar 2010. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**DS xehdet** (vide Fol 17) u kkonfermat u kkorraborat x-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Jannar 1999 liema zwieg jgib certifikat numru 52/1999 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono datat 25 ta' Jannar 2010 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 52/1999 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**